**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA’ LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 62**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 24 ta’ Jannar 2017 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f’nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

*** **Is-Sindku Charles Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.**

**62.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji**

62.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta’ apoloġija tal-Kunsillier Paul Grech u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija. Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

**62.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 61**

62.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 61 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 61

**62.3 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza**

62.3.1 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mis-Sindku x'tiġi diskussa.

** Il-Kunsillier Stephen Borg daħal għal-laqgħa fis-7.15 ta' filgħaxija.

**62.4 *Quarterly Financial Statements* (Ottubru – Diċembru)**

62.4.1 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw il-*Quarterly Financial Report* għall-perjodu ta' Ottubru – Diċembru 2016. *Quarterly Financial Statements* (Ottubru - Diċembru)

62.4.2 Is-Sindku ppropona li l-*Quarterly Financial Repor*t jiġi approvat hekk kif ippreżentat. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja ta' dan il-*Quarterly Financial Report* tinsab annessa ma' dawn il-minuti

**62.5 *Budget* 2017**

62.5.1 Is-Sindku ppreżenta l-abozz tal-Estimi Annwali 2017 u wara diskussjoni li saret huwa ppropona li l-abozz jiġi approvat kif ippreżentat. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija Estimi Annwali 2017 tinsab annessa ma' dawn il-minuti. *Budget* 2017

**62.6 Rapport dwar pendenzi finanzjarji fuq xogħlijiet ta' *patching***

62.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta r-rapport imħejji mill-perit preċedenti dwar pendenzi finanzjari fuq xogħlijiet ta' *patching* li saru taħt kuntratt, mill-Kumpanija 'Central Asphalt Ltd' u li jammontaw għal € 50,072.80. Rapport dwar pendenzi finanzjarji fuq xogħlijiet ta' *patching*

Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill nnota li dan ir-rapport jikkonkludi illi *'this exercise was solely intended to verify the execution of the works – no measurements were taken (and in some cases could not be taken)'.* Il-Kunsill ma qabilx ma dak imsemmi fir-rapport, li l-perit ma kienx ikun infurmat fil-ħin bix-xogħlijiet li kienu jiġu ordnati permezz ta' *works orders*.

Fuq proposta tas-Sindku, ssekondat mill-Kunsillier Peter Paul Azzopardi, il-Kunsill qabel unanimament li x-xogħlijiet indikati saru, iżda peress li dan ir-

rapport ma jagħtix ċertifikazzjoni ta' kejl u r-rati fil-kuntratt, għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar jekk il-Kunsill għandux jipproċedi bil-ħlas.

****** Il-Kunsillier Ruidolf Grima daħal għal-laqgħa fit-7.50 ta' filgħaxija.

**62.7 Proċess tal-għażla għall-impjegata fi skala 15**

** Il-Kunsillier Stephen Borg talab li jiġi skużat fit-8.00 ta' filgħaxija.

62.7.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppreżenta r-rapport tal-Bord tal-Għażla għall-impjegat/a fi skala 15.

Proċess tal-għażla għall-impjegata fi skala 15

Il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li tingħażel is-Sinjura Shirley Cardona, hekk kif ġie rakkomandat mill-Bord tal-Għażla. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

**62.8 *Performance Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati**

62.8.1 Is-Sindku kkwota dak li kiteb fil-*performance appraisal form* tas-Segretarju Eżekuttiv fejn faħħar il-ħidma tagħha. Huwa ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv tingħata l-massimu tal-*performance bonus,* dak ta' 10%. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

*Performance Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-Impjegati

62.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv kienet mistoqsija dwar il-*performance* tal-impjegati u wieġbet li hija kienet iltaqgħet mal-impjegati u flimkien magħhom iddiskutiet il-pożittiv u n-negattiv tal-*performance* tagħhom. Hija sostniet li minkejja li xi drabi jkun hemm xi nuqqasijiet, l-aspetti pożittivi jiżbqu bil-bosta n-negattiv li wieħed jista' jkollu. Għal dan il-għan hija kienet qiegħda tirrakkomanda l-massimu tal-*performance bonus* ta' 6% lill-impjegati kollha.

Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li l-Kunsill jaqbel mar-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

**62.9 Ħatra ta' ambaxxatur/ambaxxatriċi tal-Vot 16 għal-lokalità tar-Rabat**

62.9.1 Wara li l-Kunsill nnotta li l-Ambaxxattur Lokali s-Sur Christian Azzopardi kien għalaq l-età ta' tmintax-il sena u għaldaqstant m'għadux eliġibbli għal din kariga. Il-Kunsill qabel li fis-seduta li jmiss jitressqu n-nomini taż-żgħażagħ eliġibbli.

Ħatra ta' ambaxxatur/ambaxxatriċi tal-Vot 16 għal-lokalità tar-Rabat

Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Azzopardi għas-sehem tiegħu matul din l-aħħar sena.

**62.10 Attendenza tal-Kunsillieri skont it-termini tal-artiklu 18 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali**

62.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-attendenza tal-Kunsilliera għall-perjodu ta' bejn Lulju u Diċembru 2016. Hi ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill, li l-Kunsillier Paul Grech naqas milli jattendi l-laqgħat skont Artiklu 18 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

Attendenza tal-Kunsillieri

Fuq mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Rudolf Grima u ssekondata mill-Kunsillier Nazju Cassar, il-Kunsill unanimament qabel li jiġi rrakkomandat lill-Ministru biex il-post tal-Kunsillier Grech ma jiġix vakant.

**62.11 Talba għal permess ta' attività – *Napule* 2017**

62.11.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0053/17,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand il-Kumitat Festi Esterni Corpus Domini U San Pawl AD 1963, sabiex bejn it-2 u l-4 ta' Ġunju 2017 ittellgħu attività bl-isem ta' *Napule.*

Talba għal permess ta' attività – *Napule* 2017

Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel fil-prinċipju mal-proposta u ġie deċiż li hekk kif il-Kumitat jissottometti r-rapport dettaljat dwar l-attività, tali rapport jittella' għal konsiderazzjoni tal-Kunsill.

**62.12 Talba sabiex sqaq jissemma' għall-Professur Victor Griffiths**

62.12.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1299/16,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand is-Sur Paul Abela fejn qiegħed jitlob li l-isqaq fiż-żona imsejħa 'Tas-Salib, Limits of Rabat' jissemma' għall-Professur Victor Griffiths.

Talba sabiex sqaq jissemma' għall-Professur Victor Griffiths

Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, fuq proposta tal-Kunsillier Peter Paul Azzopardi,i ssekondata mill-Viċi Sindku Doris Coleiro, b'seba' voti favur u wieħed kontra l-Kunsill qabel li ma jilqax din it-talba peress li l-Professur Griffiths ma kellux konnessjoni diretta mal-lokalità tar-Rabat.

**62.13 Talba għal rimborż minħabba ħsarat fuq vettura**

62.13.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0083/17** is-Sindku Charles Azzopardi informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba għal rimbors ta' ħsara li ġiet ikkawżata fuq *tyre* ta' vettura b'konsegwenza ta' ħofra fit-triq.

Talba għal rimborż minħabba ħsarat fuq vettura

Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, iddeċieda unanimament li din ma tiġix milqugħa.

**62.14 Ftehim ta' koperazzjoni dwar installazzjoni u manutenzjoni ta' dwal tat-toroq**

62.14.1 Wara li l-Kunsill iddiskuta l-abbozz tal-ftehim ta' koperazzjoni bejn il-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun Tramuntana, fuq proposta tal-Kunsillier Ian Vassallo,

Ftehim ta' koperazzjoni dwar

issekondata mill-Kunsillier Rudolf Grima kien hemm qbil unanimu li jaqbel mal-abbozz kif ippreżentat u għaldaqstant il-Kunsill jissieħeb f'dan il-ftehim. — *installazzjoni u manutenzjoni ta' dwal tat-toroq*

** Il-Kunsillier Rudolf Grima talab li jiġi skużat fid-8.40 ta' filgħaxija.

**62.15 Ħruġ tal-offerta għall-provvediment ta' polza tal-assikurazzjoni**

62.15.1 Wara li l-Kunsill iddiskuta l-abbozz tal-offerta, kien hemm qbil unanimu li ma ssir l-ebda emenda għad-dokument kif ippreżentat. — *Ħruġ tal-offerta għall-provvediment ta' polza tal-assikurazzjoni*

Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għall-provvediment ta' polza tal-assikurazzjoni. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Rudolf Grima. Il-Kunsill qabel unanimament.

**62.16 Ħruġ tal-offerta għat-Tindif tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill**

62.16.1 Wara li l-Kunsill iddiskuta l-abbozz tal-offerta, kien hemm qbil unanimu li ma ssir l-ebda emenda għad-dokument kif ippreżentat. — *Ħruġ tal-offerta għat-Tindif tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill*

Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għal sevizz ta' tindif tal-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Peter Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**62.17 Għażla tal-offerta għall-Kisi mill-Ġdid ta' Toroq – RLC/T/157/16**

62.17.1 Is-Sindku ppreżenta r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u l-Kunsill ikkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu. Fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku Doris Coleiro, issekondata mill-Kunsillier Nazju Cassar, il-Kunsill unanimament qabel li l-offerta RLC/T/0157/16 tingħata lill-offerent *Bonnici Bros Services Ltd*, peress li din kienet l-irħas offerta u li laħqet il-kriterji kollha mitluba. — *Għażla tal-offerta għall-Kisi mill-Ġdid ta' Toroq – RLC/T/157/16*

**62.18 Tiġdid tal-offerta għal Xogħol ta' Manutenzjoni fuq is-Sinjali tat-Toroq u t-Tabelli tat-Traffiku – RLC/T/142/14**

62.18.1 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/143/14 għal xogħol ta' manutenzjoni fuq is-sinjali tat-toroq u t-tabelli tat-traffiku u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. — *Tiġdid tal-offerta għal Xogħol ta' Manutenzjoni fuq is-Sinjali tat-Toroq u t-Tabelli tat-Traffiku – RLC/T/142/14*

**62.19 Tiġdid tal-offerta għall-Ġbir ta' Skart Domestiku – RLC/T/143/14**

62.19.1 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/143/14 għal servizz ta' ġbir ta' skart domestiku u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda. — *Tiġdid tal-offerta għall-Ġbir ta' Skart Domestiku – RLC/T/143/14*

**62.20 Tiġdid tal-offerta għall-Ġbir ta' Skart Goff - RLC/T/144/14**

62.20.1 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/144/14 għal servizz ta' ġbir ta' skart goff u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għall-Ġbir ta' Skart Goff - RLC/T/144/14

**62.21 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduta numru B29**

62.21.1 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù B29 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Nazju Cassar ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduta numru B29

**62.22 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

62.22.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 265 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija skeda tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 265

**62.23 Tiġdid tal-iskema tas-saħħa 2017**

62.23.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kien reġa' wasal iż-żmien biex il-Kunsill iġedded l-iskema tas-saħħa għall-impjegati u għall-membri tal-Kunsill għas-sena 2016. Il-*premium* għal kull persuna nxurjata huwa ta' €45. Is-Sindku ppropona li l-polza tiġi mġedda. Il-Kunsillier Ian Vassallo issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Tiġdid tal-iskema tas-saħħa 2017

**62.24 Mozzjoni 0001/17 – 'Mozzjoni biex il-Kunsill Lokali Ir-Rabat japplika għall-fondi Ewropej – Fond għal toroq mhux urbani'**

62.24.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona mozzjoni numru 0001/17 li tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Peter Paul Azzopardi.

Waqt id-diskussjoni, il-Kunsill ikkunsidra ż-żoni imsemmija u l-bżonn li jkun hemm ippjanar finanzjarju tajjeb għal ko-finanzjament li jridu joħorġu mill-fondi tal-Kunsill.

Il-mozzjoni għaddiet b'vot unanimu.

Mozzjoni 0001/17 – 'Mozzjoni biex il-Kunsill Lokali Ir-Rabat japplika għall-fondi Ewropej – Fond għal toroq mhux urbani'

**62.25 Mozzjoni 0002/17 – 'Mozzjoni biex il-Kunsill Lokali Ir-Rabat juri l-oġġezzjoni tiegħu mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni PA/07689/16**

62.25.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona mozzjoni numru 0002/17 li tinsab

Mozzjoni 0002/17 –

annessa ma' dawn il-minuti. Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Peter Paul Azzopardi.

'Mozzjoni biex il-Kunsill Lokali Ir-Rabat juri l-oġġezzjoni tiegħu mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni PA/07689/16

Is-Sindku, issekondat mill-Kunsillier Peter Paul Azzopardi, ressaq emenda għall-mozzjoni oriġinali sabiex il-kliem "Cosmana Navarra" jiġu mibdula bil-kliem "San Franġisk". Din l-emenda għaddiet unanimament.

Wara diskussjoni li saret dwar din il-mozzjoni kif emendata, ittieħed vot li għadda b'ħames voti favur u astensjoni waħda.

**62.26 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

62.26.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 28 ta' Frar 2017 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Data tas-seduta li jmiss

62.26.2 Il-laqgħa ntemmet fid-9.30 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum ............................. ............ ta'......................... 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Charles Azzopardi** | **Orietta Cardona** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |